MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 495/2004

**Lloyds Malta Limited bhala rapprezentanti ex lege tas-Sindakata ta Lloyds li jgibu n-numri 727 1245 807 u ghal fini tal-artikolu 2 (2)(C) tal-Kap 403 l-ismijiet tal-membri tas-sindakati huma hawn rapportati fuq l-anness dokument "A"; u Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti gewwa Malta tal-istess membri in konnessjoni ma polza ta assikrazzjoni 759220/011/002**

**Vs**

**George Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta Marzu 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba mija u sitt liri u wiehed u sebghin centezmu (Lm406.71) rapprezentanti l-valur tal-hsarat kkagonati fil-vettura tal-assikurat taghha numru tar-registrazzjoni AGS 200 per konsegwenza ta incident stradali li sehh f'Santa Venera meta l-konvenut

kien qed isuq il-vettura numru LAB 727 ghal liema incident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-25 ta' Marzu 2004 fejn giet kontestata r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni b'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra;

Ghandu jirrizulta mir-rapport u skizz mhejji mill-ex surgent PS 1283 Carmelo Costa kif kkonfermat bil-gurament tieghu seduta stante illi l-incident in kwistjoni sehh meta il-vettura ossia truck tal-konvenut kien hiereg minn triq sekondarja ghal fuq it-triq principali ta' Santa Venera By-Pass qabel l-ewwel mina twila. Ma hux kontestat fil-fatt li l-assikurat tas-socjeta attrici kien miexi go Main road filwaqt li l-konvenut kien qed jemergi ghal gewwa din il-main road minn go triq sekondarja. Anqas ma ghandu jkun kontestat il-fatt li minn fejn kien hiereg il-konvenut hemm Stop sign.

Ma jidhirx anqas li kien hemm xi kontestazzjoni fuq il-valur tal-hsarat rikjesti mill-atturi.

Is-sewwieq tal-vettura proprjeta tal-assikurat tal-atturi jikkonferma bazikament il-verzjoni li huwa kien ta 'a tempo vergine' lis-surgent in kwistjoni li ghamel ir-rapport u l-iskizz fuq indikat. Fil-fatt, huwa jikkonferma li kien miexi fit-trieq principali fuq il-karreggjata tan-naha ta' gewwa jsegwi t-traffiku li kien ghaddej bil-mod fil-hin in kwistjoni. Tant hu hekk li huwa anqas biss induna li l-truck kien dahal go fih. Ghalkemm ra t-truck gej minn nizla mit-trieq tal-gemb tieghu u li  dan kien qed jipprova jdeffes it-truck tieghu fit-trieq principali, huwa nnota biss bl-impatt mal-vettura tieghu meta nnota li ma setax jaqla l-quddiem hekk kif it-traffiku rega beda miexi.

Illi ghalkemm jidher li saru diversi tentattivi sabiex il-konvenut jitharrek sabiex jaghti l-verzjoni tieghu huwa baqa nieqes milli jaghmel dan;

Illi fis-seduta tad-9 ta Dicembru 2005, l-atturi pprezentaw nota tal-mistoqsijiet sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deher la fis-seduta tad-9 ta Dicembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti fejn ghandu jirrizulta minnghajr ebda dubbju li l-incident in kwistjoni sehh unikament minnhabba traskuragni u nuqqas ta harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi s-somma kif rikjesta ta erba mija u sitt liri u wiehed u sebghin centezmu (Lm406.71) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta din il-procedura u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------